



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

18.11.2013

0023/2 013

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar il-virus tal-epatite B u C

Silvia-Adriana Țicău (S&D), Daciana Octavia Sârbu (S&D), Cătălin-Sorin Ivan (S&D), Claudiu Ciprian Tănăsescu (S&D), Corina Crețu, (S&D), Marc Tarabella (S&D), Adam Gierek (S&D), Anna Rosbach (ECR), Maria Da Graça Carvalho (PPE), Francoise Grossetête (PPE), Antonyia Parvanova (ALDE)

Data ta' skadenza: 18.2.2014

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,
dwar il-virus tal-epitite B u C¹**

1. L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha tistma li madwar 2 biljun ruħ madwar id-dinja ġew infettati bil-virus tal-epitite B, filwaqt li madwar 150 miljun pazjent isofri mill-virus kroniku tal-epitite C u aktar minn 350 000 ruħ imutu kull sena b'mard tal-fwied relataf mal-virus tal-epitite C;
2. Kull sena fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u taż-Żona Ekonomika Ewropea, jiġu ddijanostikati aktar minn 14 000 każ tal-virus tal-epitite B u aktar minn 26 000 każ tal-virus tal-epitite C;
3. L-Arikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 6(a), 9 u 168 tat-Trattat dwar il-Funzonzament tal-Unjoni Ewropea jikkonferixxu kompetenzi lill-Unjoni sabiex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħha;
4. Il-Kummissjoni hija mitluba biex tqajjem kuxjenza dwar il-virus tal-epitite B u C bħala kwistjoni urġenti tas-saħħha pubblika u biex, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tieħu l-inizjattiva sabiex tippromwovi aċċess ugwali għal kura ta' kwalità u sabiex tikkoordina inizjattivi li jimmiraw lejn dijanjożi bikrija u aċċess usa' għat-trattament u l-kura;
5. Il-Kunsill huwa mitlub biex jirrikonoxxi l-virus tal-epitite B u C bħala kwistjoni urġenti tas-saħħha pubblika u biex jidentifika azzjonijiet prioritarji fil-programmi tal-presidenzi futuri tal-Kunsill;
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 123(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tīgi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.